**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**vs**

**Aosama Elnaib detentur tal-karta tal-identità bin-numru 357296M;**

Kumpilazzjoni Nru. 224/2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Aosama Elnaib u ċioè talli:

> Nhar l-24 ta' Marzu, 2016, għal ħabta tal-1600hrs ġewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' iPhone, rota u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37, u li sar għad-detriment ta' Julian Bonnici u/jew persuna/i oħra;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa ngahta zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza hekk migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-fedina penali tieghu li hija wahda netta, kif ukoll dak dikjarat mill-parte leza li l-oggetti misruqa gew ritornati lilu. Ghaldaqstant tqis li piena karcerarja certament ma hiex piena idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 20, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(d), 275, 277(a) 279(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' ghoxrin (20) xahar.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**